**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Marzu, 2016

Rikors numru : 40/2016 AL

AB
Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-kontedenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg fid-19 ta' April tas-sena 2010 u miz-zwieg taghhom kellhom tifla S Schaerrer, illi twieldet fis-26 ta' Marzu 2011.
2. Illi l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Liza Schembri fl-10 ta' April 2015 (Dokument PS1).
3. Illi ghalkemm kif inghid, il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti gie ppubblikat anqas minn erba (4) snin, l-istess kontendenti kien ilhom minn Dicembru 2011 mifruda *de* facto kif inhu car f'artikolu iv, pagna 1 tal-kuntratt ta' separazzjoni .

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi Schaerrer kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter* alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu fl-ewwel lok irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 2 tal-istess kuntratt) u fit-tieni lok kienu ikkwantifikaw il-kontribut tal-esponent lejn il-manteniment ta' bintu S, illi qieghed jigi mhallas mir-rikorrent lill-imsemmija martu.
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.
6. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab illi a tenur tad-disposizzjoni tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti joghgobha, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-isemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha tiddikjara illi hija ma topponix ghall-ghotja ta' divorzju, kif mitlub mir-rikorrent, b'dana illi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Frar, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova

illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' April 2015 u ilhom de facto separati minn ma xulxin sa minn Dicembru 2011;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur